2) IT-TAXXA FUQ ID-DEPOŻITI TAL-KLIJENTI FL-ISTABBILIMENTI TA' KREDITU TA' ANDALUCÍA (IDECA) għandha tiġi kklassifikata bħala taxxa indiretta, minkejja n-natura diretta attribwita lilha mill-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu 6 tal-Liġi ta' Andalucía 11/2010 u, f'tali każ, l-eżistenza u l-ġbir tagħha huma kompatibbli mal-VAT, fid-dawl ta' dak li huwa previst fl-Artikoli 401 u 135(1)(d) tad-Direttiva tal-VAT? [1]

---

[1] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil no 2 de Madrid (Spanja) fis-26 ta' Settembru 2019 – ZA et vs Repsol Comercial de Productos Petrolíferos SA**

**(Kawża C-716/19)**

(2019/C 423/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil nº 2 de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* ZA, AZ, BX, CV, DU, ET

*Konvenuta:* Repsol Comercial de Productos Petrolíferos SA

**Domandi preliminari**

1) Jista' jitqies, fid-dawl tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [1], li l-fatti investigati u ddikjarati ppruvati f'deċiżjoni maħruġa minn awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni — meta l-imsemmija awtorità taġixxi skont l-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE fi ħdan fil-funzjonijiet mogħtija lilha mill-imsemmi regolament u min-Notifika tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kooperazzjoni fi ħdan n-Netwerk tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni (2004/C 101/03) tas-27 ta' April 2004 — u li sussegwentement tiġi kkonfermata mill-qorti nazzjonali superjuri u ssir definittiva, għandhom valur probatorju ta' prova inkonfutabbli u jipproduċu effett vinkolanti jew ta' preġudizzju fuq is-sentenzi mogħtija minn qrati oħra f'kawżi sussegwenti li huma relatati mal-istess fatti?

2) Fil-każ li l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' ksur relatat ma' grupp ta' ftehimiet, għandu jiġi preżunt, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor mill-persuna li wettqet il-ksur, li l-ftehimiet kollha li jiffurmaw dak il-grupp huma affettwati mill-kontenut tad-deċiżjoni inkwistjoni? Jiġifieri, id-deċiżjonijiet mogħtija dwar gruppi ta' ftehimiet iwasslu għal inverżjoni tal-oneru tal-prova?

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).